MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 107/1989/3

**Lawrence Pavia ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mediterranean Underwriting Managers Limited u din in rapprezentanza tas-Socjeta Assikuratrici Estera "Continental Insurance Company Limited" kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Rosario Bonnici**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi fis-16 ta' Mejju, 1987 kien qieghed isuq il-vettura Nru. E5535 ghal habta tat-8. 30 a.m. minn Tal-

Handaq Road, limiti Zebbug huwa baqa' diehel u habat mal-vettura Nru. E3643 misjuqa minn Philip Micallaf liema vettura hi assikurata taht polza "comprehensive" mal- attur nomine.

Premess illi dan l-incident gara minhabba negligenza, imperizia, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Premess illi b'rizultat tal-istess incident l-attur nomine sborsa s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm270.02,0) fl-interess tal-assikurat tieghu sabiex tissewwa l-hsara fil-vettura numru E3643.

Premess illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sebghin liri Maltin u zewg centezmi (Lm270.02,0) in linea ta' danni b'konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi, izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi.

1. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm 270.02,0) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq referit.

Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1988 u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1988.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-kollizjoni imsemmija fl-att ta' citazzjoni grat pjenament u unikament imhabba imprudenza u traskuragni tal-attur, li ma hax il-prekawzjonijiet necessarji fi triq dejqa kollha kurvi, ghalhekk l-esponent ma huwiex

responsabbli ghall-istess kollizjoni u wisq inqas ma hu passibili ghad-danni pretizi mill-attur nomine.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri** tal-konvenut a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa :

In-nullita' tal-att ta' citazzjoni in kwantu li ma hemmx talba ghad-dikjarazjoni ta' responsabbilta tal-eccipjent u konsegwentement ma jistax jigi kundannat ihallas dak l-ammont.

Rat il-verbal a fol. 15 fejn saret il-korrezzjoni mitluba mill-atturi b'riferenza ghall eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Rat id-digrieti a fol. 13 u 43 li bih giet nominata Dr..A. Demicoli bhala perit legali;

Rat in-nota ta' assunzjoni ta' l-atti a fol 31;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali a fol 75;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza tirrigwarda incident stradali li gara fis 16 ta' Mejju 1987 f'Tal Handaq Road, limiti ta' Haz-Zebbug bejn il-vettura E 3643 misjuqa minn Philip Micallef, l-assikurat tal-attur noe, u vettura E 5535 misjuqa mill-konvenut.

Illi perit imqabbad minn dina l-Qorti ikkonkluda li t-tort ghall incident kien unikament tal-konvenut billi dana kellu jieqaf fil-kisra la darba kien hemm diversi fatturi li qed jostakolawlu l-vizwali fid-direzzjoni opposta. Dan in-nuqqas kien jammonta ghall ksur ta' l-obbligu ta' sewwieq

prudenti li jzomm a proper lookout specjalment f'cirkostanzi u f'lokalita bhal dawk in kwistjoni. Il-fatt li l-konvenut daqq il-horn meta wasal fil-kisra ma kienx bizzejjed, huwa kellu jieqaf sabiex jaccerta ruhu li t-triq kienet libera u seta jipprocedi u mhux idoqq il-horn u jibqa' ghaddej kif effettivament ghamel. (fol 81).

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghimillhom taghha.

Fin-nota tieghu l-konvenut issottometta li hu kien daqq il-horn u meta ma sema xejn, kompla ghaddej u saret il-habta. Ghalhekk qed ighid li kieku Micallef wiegeb il-horn tieghu ma kinitx isir il-habta.

Id-daqq ta' horn hu avviz regolamentari, relattiv ghal sewqan legittimu u mhux gustifikazzjoni ta' abbuzi. (Ara App Krim P vs G.Fabri 16.9.62; App Krim Pul vs A.Brincat 10.8.63) Id-daqq tal-horn ma jaghtix lid-driver xi speci ta' brevett ta' immunita' ghall kull imprudenza li joghgbu jikkommetti sewwieq (App Krim Pul vs E.Cauchi 29.9.69; Pul vs J.Bartolo Vol 38 p4 p 868).

Illi l-konvenut kellu l-viswali ostakolata minhabba diversi fatturi - sigra, xemx u kisra - u d-daqq tal-horn ma kienx bizzejjed biex lilu jaghtih xi dritta li ma kellux. Il-konvenut ma kienx qed jara quddiemu u kien biss ftit sekondi qabel il-habta li induna bil-karozza l-ohra quddiemu. Mhux hekk invece Micallef. Dan kien ra lill konvenut gej minn faccata u waqaf billi it-triq dejqa u ra lill vettura l-ohra tipprova tibbrekja (ara brakes tal-vettura fuq l-iskizz a fol 97) izda dana ma waqafx u baqa' diehel fih.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien unikament responsabbili ghall-incident.

Dwar danni ma hemm kontestazzjoni fuq l-ammont mitlub.

Il-konvenut issottometta wkoll li hu m'ghandux jehel l-imghax minn 1988 billi l-kawza twalet tort ta' l-attur. Dwar dana l-punt il-Qorti tirrileva li kien fl-interess taz-zewg partijiet li jaraw li l-perit legali jzomm is-seduti u li jinfurmaw lill Qorti bin-nuqqas. Inoltre minn 1988 'l quddiem il-konvenut kien qed igawdi l-imghax fuq is-somma li hu suppost kellu jhallas bhala danni li kkawza lill atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm 270.02,0) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq referit.
Bl-imghax mid-9 ta' Settembru 1988 sal-eventwali pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------